

31984L0500

L 277/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.10.1984

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tal-15 ta' Ottubru 1984****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti taċ-ċeramika maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel**

(84/500/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

saħħa tal-bniedem li jstabilixxu l-limiti għall-kwantitajiet li jistgħu jiġu estratti taċ-ċomb u tal-kadmju;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 76/893/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-materjali u l-oġġetti maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi dawn id-dispożizzjonijiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, biex b'hekk joħlqu ostakoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi dawn l-ostakoli jistgħu jiġu eliminati jekk it-tqegħid ta' l-oġġetti taċ-ċeramika fis-suq tal-Komunità jkun suġġett għal regoli uniformi; billi huwa għalhekk meħtieġ illi jiġu armonizzati l-valuri tal-limiti u l-metodi ta' test u ta' analiżi għal dawn l-oġġetti;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>(2)</sup>,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali<sup>(3)</sup>,

Billi l-istrument adatt għall-kisba ta' dan il-għan huwa Direttiva speċifika fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/893/KEE li d-dispożizzjonijiet ġenerali tagħha jsiru applikabbli wkoll f'dan il-każ partikolari;

Billi l-Artikolu 2 tad-Direttiva 76/893/KEE jipprovdi illi l-materjali u l-oġġetti ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom għall-oġġetti ta' l-ikel fi kwantitajiet li jistgħu jipperikolaw is-saħħa tal-bniedem;

Billi l-addattament għall-progress tekniku ta' ċerti miżuri ta' kontroll u analiżi pprovduti fid-Direttiva huwa miżura ta' implimentazzjoni li l-adozzjoni tagħha għandha tkun fdata f'idejn il-Kummissjoni sabiex tiġi ssimplifikata u mħaffa l-proċedura;

Billi l-Artikolu 3 ta' l-istess Direttiva jipprovdi illi l-Kunsill, skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 100 tat-Trattat, għandu jadotta permezz ta' Direttivi dispożizzjonijiet speċjali li japplikaw għal ċerti gruppi ta' materjali u oġġetti (Direttivi speċifiċi);

Billi fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri l-oġġetti taċ-ċeramika maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel huma bla ħsara għal dispożizzjonijiet mandatorji sabiex jipproteġu s-

Billi, fil-każijiet kollha fejn il-Kunsill jagħti poteri lill-Kummissjoni sabiex timplimenta d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-materjali u l-oġġetti maħsuba sabiex jidħlu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel, għandha tiġi stabbilita proċedura biex tassigura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-ikel stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1969,

<sup>(1)</sup> ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 19.<sup>(2)</sup> ĠU C 95, tat-28.4.1975, p. 41.<sup>(3)</sup> ĠU C 263, tas-17.11.1975, p. 66.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva hija Direttiva speċifika fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/893/KEE.

2. Din id-Direttiva tirrigwarda l-migrazzjoni possibbli taċ-ċomb u l-kadmju mill-oġġetti taċ-ċeramika li, fl-istat lest tagħhom, huma maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel, jew li huma f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel, u huma maħsuba għal dan l-iskop.

3. "Oġġetti taċ-ċeramika" jfissru l-oġġetti ffabbricati minn taħlita ta' materjal inorganiku b'kontenut ġeneralment għoli ta' l-argilla jew tas-silika li magħhom ikunu setgħu ġew miżjuda kwantitajiet żgħar ta' materjali organiċi. Dawn l-oġġetti huma l-ewwel mogħtija l-għamla u l-għamla hekk miksuba tiġi f'fissata permanentement permezz tan-nar. Jistgħu jiġu mogħtija l-iż-malt, l-enamel u/jew dekorazzjoni.

*L-Artikolu 2*

1. Il-kwantitajiet taċ-ċomb u tal-kadmju ttrasferiti mill-oġġetti taċ-ċeramika ma għandhomx jaqbzū l-limiti stabbiliti hawn taħt.

2. Il-kwantitajiet taċ-ċomb u tal-kadmju ttrasferiti mill-oġġetti taċ-ċeramika għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' test, li l-kondizzjonijiet tiegħu huma speċifikati fl-Anness I, bl-użu tal-metodu ta' l-analiżi deskritt fl-Anness II.

3. Fejn L-artikolu taċ-ċeramika jikkonsisti minn reċipjent b'għatu taċ-ċeramika, il-limitu taċ-ċomb u/jew il-kadmju li ma jistax jaqbeż (il-mg/dm<sup>2</sup> jew il-mg/litre) għandu jkun dak li japplika għar-reċipjent biss.

Ir-reċipjent waħdu u l-wiċċ tal-għatu fuq in-naħa ta' ġewwa għandhom jiġu ttestjati separatament u taħt l-istess kondizzjonijiet.

Is-somma taż-żewġ livelli ta' l-estrazzjoni taċ-ċomb u/jew tal-kadmju hekk miksuba għandha tkun relatata kif jixraq ma' l-area tal-wiċċ jew mal-volum tar-reċipjent waħdu.

4. Oġġett taċ-ċeramika għandu jiġi rrikonossut bħala li jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva jekk il-kwantitajiet taċ-ċomb u/jew tal-kadmju estratti matul it-test imwettaq bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II ma jaqbzūx il-limiti li ġejjin:

	<i>Il-Pb</i>	<i>Il-Cd</i>
— Il-Kategorija 1:		
L-oġġetti li ma jistgħux jiġu mimlija u l-oġġetti li jistgħu jiġu mimlija, li l-fond intern tagħhom, imkejjel mill-iktar punt baxx sal-pjan orizzontali li jgħaddi mix-xifer ta' fuq, ma jaqbiżx il-25mm	0,8 mg/dm <sup>2</sup>	0,07 mg/dm <sup>2</sup>
— Il-Kategorija 2:		
L-oġġetti l-oħra kollha li jistgħu jiġu mimlija	4,0 mg/l	0,3 mg/l
— Il-Kategorija 3:		
L-oġġetti tat-tisjir; ir-reċipjenti ta' l-imballaġġ u tal-ħażna li għandhom kapaċità ta' iżjed minn tliet litri	1,5 mg/l	0,1 mg/l

5. Madanakollu, fejn oġġett taċ-ċeramika ma jaqbiżx il-kwantitajiet ta' hawn fuq b'iżjed minn 50 %, dak l-oġġett għandu xorta waħda jiġi rrikonossut bħala li jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva jekk mill-inqas tliet oġġetti oħra ta' l-istess għamla, dimensjoni, dekorazzjoni u żmalt ikunu soġġetti għal test imwettaq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II u jekk il-kwantitajiet medji taċ-ċomb u/jew tal-kadmju estratti minn dawk l-oġġetti ma jaqbzūx il-limiti stabbiliti, bl-ebda waħda minn dawn l-oġġetti ma taqbeż dawn il-limiti b'iktar minn 50 %.

*L-Artikolu 3*

L-emendi li għandhom isiru lill-Annessi fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-tagħrif xjentifiku u tekniku, bl-eċċezzjoni tat-taqsimiet 1 u 2 ta' l-Anness I, għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/893/KEE.

*L-Artikolu 4*

1. Fi żmien tliet snin min-notifika<sup>(1)</sup> ta' din id-Direttiva, il-Kunsill għandu jstabbilixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 100 tat-Trattat:

- (a) il-limitazzjonijiet li għandhom jiġu imposti fuq dawk iż-żoni ta' l-oġġetti taċ-ċeramika li magħhom ikun maħsub li jagħmel kuntatt il-ħalq;
- (b) il-metodi sabiex jiġi kkontrollat illi hemm konformità mal-limitazzjonijiet ipprovduti fis-subparagrafu (a).

2. Fl-istess perjodu taż-żmien, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' *data* tossikoloġika u teknoloġika, terġa' teżamina l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2, bil-ħsieb li tnaqqashom, u l-kondizzjonijiet tad-dawl għat-test speċifikat fl-Anness I, u għandha, jekk xieraq, tissottometti proposti lill-Kunsill sabiex id-Direttiva tiġi emendata.

<sup>(1)</sup> Din id-Direttiva kienet innotifikata lill-Istati Membri fis-17 ta' Ottubru 1984.

*L-Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom, jekk meħtieġ, jemendaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva hekk illi:

- tliet snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva, jiġi permess il-kummerċ fl-oġġetti taċ-ċeramika li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tagħha,
- ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva, jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq ta' l-oġġetti taċ-ċeramika li m'hunx konformi mad-dispożizzjonijiet tagħha.

Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull emenda bħal din minnufih.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu jew jissoktaw jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni ta' l-oġġetti taċ-ċeramika li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Ottubru 1984.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BRUTON

## L-ANNEX I

## REGOLI BAŻIĊI SABIEX TIĠI DETERMINATA L-MIGRAZZJONI TAĊ-ĊOMB U L-KADMJU

1. **It-test likwidu ("simulant")**

4 % (v/v) ta' aċidu aċetiku, f'soluzzjoni mħejjija friska milwiema.

2. **Il-kondizzjonijiet tat-test**

2.1. Wettaq it-test f'temperatura ta'  $22 \pm 2$  °C għal tul taż-żmien ta'  $24 \pm 0,5$  sigħat.

2.2. Meta għandha tiġi ddeterminata l-migrazzjoni taċ-ċomb, għatti l-kampjun permezz ta' mezzi adatti u esponih fil-kondizzjonijiet tas-soltu tad-dawl fl-laboratorju.

Meta għandha tiġi ddeterminata il-migrazzjoni tal-kadmju jew taċ-ċomb u l-kadmju, għatti l-kampjun hekk li jiġi żgurat illi l-wiċċ li jrid jiġi ttestjat jinżamm fi dlam ċappa.

3. **Il-mili**3.1. *Il-kampjuni li jistgħu jiġu mimlija*

Imla l-oġġett b'soluzzjoni ta' 4 % (v/v) ta' aċidu aċetiku sal-livell ta' mhux aktar minn 1 mm mill-punt fejn ifur; id-distanza tiġi mkejla mix-xifer ta' fuq tal-kampjun.

Il-kampjuni b'xifer ċatt jew f'it immejjel għandhom jiġu mimlija hekk illi d-distanza bejn il-wiċċ tal-likwidu u l-punt fejn ifur ma tkunx iżjed minn 6 mm imkejla matul ix-xifer immejjel.

3.2. *Il-kampjuni li ma jistgħux jiġu mimlija*

Il-wiċċ tal-kampjun li ma jkunx maħsub li jiġi f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel jiġi l-ewwel imgħotti b'saff protettiv adatt li kapaċi jirreżisti l-azzjoni tas-soluzzjoni ta' 4 % (v/v) ta' aċidu aċetiku. Il-kampjun jiġi mbagħad imgħaddas f'reċipjent li jkun fih volum magħruf tas-soluzzjoni ta' l-aċidu aċetiku hekk illi l-wiċċ maħsub biex jiġi f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel ikun imgħotti għal kollox bil-likwidu tat-test.

4. **Id-determinazzjoni ta' l-area tal-wiċċ**

L-*area* tal-wiċċ ta' l-oġġetti fil-kategorija I hija ugwali għall-*area* tal-wiċċ tal-menuskul f'format bil-wiċċ tal-likwidu ħieles miksub b'konformità mal-ħuġiet tal-mili stabbiliti fit-taqsimi 3 ta' hawn fuq.

---

## L-ANNEX II

## METODI TA' L-ANALIŻI SABIEX TIĠI DETERMINATA IL-MIGRAZZJONI TAĊ-ĊOMB U L-KADMJU

## 1. Il-għan u l-kamp ta' l-applikazzjoni

Il-metodu jippermetti d-determinazzjoni tal-migrazzjoni speċifika taċ-ċomb u/jew il-kadmju.

## 2. Il-prinċipju

Id-determinazzjoni tal-migrazzjoni speċifika taċ-ċomb u/jew il-kadmju huwa mwettaq bl-ispettrotometrija li tassorbi l-atomi.

## 3. Ir-reaġenti

- kollha għandhom ikunu ta' kwalità analitika, għajr jekk speċifikat xorta oħra.
- Fejn issir referenza għall-ilma, din dejjem tfisser ilma ddistillat jew ilma ta' kawlià ekwivalenti.

## 3.1. 4 % (v/v) ta' l-aċidu aċetiku, f'soluzzjoni ta' milwiema

Żid 40 ml ta' aċidu aċetiku glaċjali ma' l-ilma u imla sa 1 000ml.

## 3.2. Is-soluzjonijiet tal-ħażniet

Ħejji soluzjonijiet tal-ħażniet li jkollhom 1 000 mg/litru ta' ċomb u 500 mg/litru ta' kadmju rispettivament f'soluzjoni ta' 4 % ta' aċidu aċetiku (3.1).

## 4. L-istrumenti

## 4.1. L-ispettrometru li jassorbi l-atomi

Il-limitu ta' l-istrument ta' *detection* ta' ċomb u l-kadmju għandu jkun ugwali għal jew inqas minn:

- 0,1 mg/litru għaċ-ċomb,
- 0,1 mg/litru għall-kadmju.

Il-limitu ta' *detection* huwa ddefinit bħala l-konċentrazzjoni ta' l-element f'4 % ta' aċidu aċetiku (3.1) li jagħti sinjal ugwali għal darbtejn il-ħoss ta' l-isfond ta' l-istrument.

## 5. Il-Metodu

## 5.1. It-tnejn tal-kampjun

Il-kampjun għandu jkun nadif u ħieles mill-grass jew minn kull materja oħra li x'aktarx taffettwa t-test.

Aħsel il-kampjun f'soluzzjoni li jkun fiha deterġent likwidu tad-dar f'temperatura ta' madwar 40 °C. L-ewwel laħlaħ il-kampjun fl-ilma tal-vit u mbagħad fl-ilma ddistillat jew ilma ta' kwalità ekwivalenti. Battal l-ilma u nixxef sabiex tevita kull tebgħa. Il-wiċċ li jrid jiġi ttestjat ma għandux jintmess wara li jkun tnaddaf.

## 5.2. Determinazzjoni taċ-ċomb u/jew il-kadmju

- Il-kampjun hekk imħejji jiġi ttestjat skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.
  - Qabel ma ssir is-soluzzjoni tat-test sabiex jiġu ddeterminati ċ-ċomb u/jew il-kadmju, omoġenizza l-kontenut tal-kampjun permezz ta' metodu adatt li jevita kull telf ta' soluzzjoni jew kull barxa fuq il-wiċċ li jkun qed jiġi ttestjat.
  - Wettaq test inbjank fuq ir-reaġent użat għal kull wieħed mis-serje tad-determinazzjonijiet.
  - Wettaq id-determinazzjonijiet għaċ-ċomb u/jew il-kadmju skond il-kondizzjonijiet adatti bl-ispettrotometrija li tassorbi l-atomi.
-